## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR CHARLOTTE CURMI) V. JOSEPH TANTI (KI. 1055248M)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**3 ta' Mejju 2023**

IL-QORTI,

wara li rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

**Billi int akkuzat talli fl-17 t'Ottubru 2019 ghall-habta ta' 08:25hrs fi Triq tas-Sliema kantuniera ma' Triq il-Falkun, Sliema soqt vettura b' numru ta'registrazzjoni CRV683 ;**

1 B' manjiera traskurata,
2 U aktar talli soqt l-imsemmija vettura b' manjiera perikoluza,
3 U aktar talli soqt l-imsemmija vettura b' manjiera bla kont,
4 U aktar inqast li tieqaf fejn kien hemm sinjal li jindika 'Stop',
5 U aktar talli b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta'regolamenti, ikkaġunajt ħruq, jew għamilt xi ħsara jew ħassart jew għarraqt xi ħaġa, minħabba f'hekk Malcolm Azzilla batgha offiża gravi fuq il-persuna, minghajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta skond kif iccertifika Dr. Matthew Vella MD mill-MDH,

wara li rat li din il-kawża ġiet assenjata lilha wara r-rikuża tal-Maġistrat li kienet qed tippresjedi din il-Qorti fis-seduta tad-19 ta' Lulju 2021,

wara li rat li fis-seduta tas-27 ta' April 2022 id-difiża ddikjarat li ma kelliex oġġezzjoni li l-provi diġà miġjuba quddiem din il-Qorti diversement presjeduta (ossia *inter alia* id-dokumenti esebiti minn RPC 3178 David Sant u l-affidavit ta' Dr. Matthew John Vella) jagħmlu parti mill-provi daqs li kieku nġiebu quddiem din il-Qorti kif presjeduta,

wara li semgħet ix-xhieda l-oħra mressqa mill-Prosekuzzjoni, ossia RPC 3178 David Sant, Dr. Matthew John Vella (affidavit), Rose-Marie Tanti u PC 668 Alex Zammit,

wara li rat id-digriet tagħha tat-18 ta' Jannar 2023 li permezz tiegħu ċaħdet it-talba tal-*parte civile* għall-isfilz tal-filmat esebit bħala Dok DS3 u ordnat il-prosegwiment tal-kawża,

wara li semgħet it-trattazzjoni finali magħmulha għan-nom:

- tal-Prosekuzzjoni, minn Spettur Sarah Magri
- tad-Difiża, minn PL Quentin Tanti, u
- tal-*parte civile* minn Dr. Ian Vella Galea

wara li rat il-bqija tal-atti proċesswali,

qed tagħti din is-

**Sentenza**

1. Din il-kawża qed tiġi deċiża kontestwalment ma' kawża oħra fl-ismijiet *Il-Pulizija v. Malcolm Azzilla* fejn hemmhekk l-imputat (parte ċivile fil-kawża odjerna) ġie mixli illi fl-istess data, ħin u lok filwaqt li kien qiegħed isuq il-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni JBH 467 għamel hekk b'manjiera traskurata, perikoluża u bla kont.

2. Fix-xhieda tiegħu mogħtija fit-12 ta' Jannar 2022, **<u>RPC 3178 David Sant</u>** xehed illi fis-17 ta' Ottubru 2019 huwa kien ġie infurmat li seħħet ħabta bejn vettura u mutur fin-niżla tal-Kappara ossia Sliema Road. Huwa aċċeda fuq il-lok tal-inċident, ħa l-verżjoni tal-imputat li kien is-sewwieq tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CRV 683 u pprepara rapport inkluż skizz li ġew ippreżentati fis-seduta preċedenti tad-19 ta' Lulju 2021 bħala Dok DS1 u DS2 a fol 12-20 tal-proċess. Fir-rapport ġie reġistrata ukoll l-istqarrija tal-*parte civile* Malcolm Azzilla li kien ittieħed l-Isptar. Wara li lesta r-rapport huwa rċieva filmat mill-*control room* tal-Pulizija u dan mingħand ċertu PC 668 Eric Zammit. Malli ra l-filmat huwa niżżlu minn fuq it-telefon ċellulari tiegħu u għamlu fuq DVD. Dan id-DVD ġie esebit minnu stess fis-seduta preċedenti tad-19 ta' Lulju 2021 u ġie mmarkat bħala Dok DS3.[1] In kontroeżami kkonferma illi meta wasal fuq il-post tal-inċident il-parte ċivile Azzilla kien diġà ttieħed l-Isptar Mater Dei. Qal ukoll, din id-darba b'riferenza għall-iskizz, illi huwa indika *stop sign* li kienet moħbija wara siġra u illi ma niżżilx indikazzjoni ta' *stop sign* mal-art fil-parti tas-*side street* Triq il-Falkun li toħroġ għal *Sliema Road* għaliex probabbli ma raħiex dak il-ħin.

3. Fix-xhieda ta' **<u>PC 668 Alex Zammit</u>** mogħtija fis-27 ta' April 2022 l-uffiċjal xehed illi għall-ħabta ta' nofs Ottubru 2019 l-Pulizija kienet rċeviet filmat fuq is-sit tal-facebook tagħha. Dan il-filmat imbagħad ntbagħat minnu ġewwa l-Għassa tal-Pulizija b'mod

[1] Bejn fol 20 u 21 tal-proċess

elettroniku sabiex jgħinhom fl-investigazzjonijiet tagħhom. Huwa xehed li ma' jafx min kien bagħat jew xandar il-filmat għaliex min għamel hekk kien iddeċieda li jibqa' anonimu.

4. Fis-seduta tas-27 ta' April 2022 xehdet **Rose Marie Tanti** li kienet passiġġiera fuq quddiem fil-vettura tal-imputat li huwa r-raġel tagħha. Hija qalet fost affarijiet oħra illi kienu sejrin għall-quddies tat-tmienja u nofs ta' filgħodu, għaddew minn Triq il-Falkun u kif waslu f'salib it -toroq ħarġu bil-mod għal Triq tas-Sliema. Qalet illi r-raġel tagħha ħares 'l isfel lejn id-direzzjoni tar-roundabout tal-Kappara, kif għamlet hi ukoll u wara li waqfitilhom vettura biex joħorġu, l-imputat ħareġ bil-mod biex jitla' 'l fuq direzzjoni lejn San Ġwann u dlonk seħħet il-kolliżjoni mal-mutur misjuq minn Malcolm Azzilla. Skond hi x-xufier  għal darba darbtejn skuża ruħu u qal li kien it-tort tiegħu. Kemm hi u kemm l-imputat qagħdu miegħu sakemm waslet l-għajnuna. In kontroeżami sostniet li r-raġel tagħha ħares 'l fuq ukoll meta ħareġ għal Triq tas-Sliema.

5. Fis-seduta tad-19 ta' Lulju 2021 ġie ppreżentat l-affidavit tat-tabib **Dr. Matthew John Vella**[2] li ddikjara *inter alia* li fis-17 ta' Ottubru 2019 kien iċċertifika lill-*parte civile* Malcolm Azzilla bħala li kien qed isofri minn ġrieħi ta' natura gravi salv komplikazzjonijiet fosthom *distal fracture* fil-*left clavicle*.

6. Il-Qorti rat ukoll il-filmat imsemmi esebit a fol DS3 wara li tat aċċess lill-partijiet għall-istess filmat *seduta stante*. Jirriżulta illi dan ittieħed minn *rear dashcam* ossia minn *camera* li kienet imwaħħla fuq in-naħa ta' wara ta' vettura li kienet fit-traffiku nieżla l-isfel tul Triq tas-Sliema fid-direzzjoni tar-*roundabout* tal-Kappara. Din qabdet il-mument meta l-vettura tal-imputat bin-numru ta' reġistrazzjoni CRV 683 li kienet f'salib it-toroq fit-tarf ta' Triq il-Falkun, għaddiet minn bejn il-vettura ta' warajha li kienet qed tinstaq fl-istess direzzjoni (numru ta' reġistrazzjoni DBT 891) u l-vettura ta' wara l-istess vettura li x-xufier tagħha kien waqaf sabiex iħalli lill-imputat joħroġ għal Triq tas-Sliema, direzzjoni lejn San Ġwann. Malli l-vettura tal-imputat qabdet ser tikser għal fuq il-karreġġjata l-oħra  li tagħti għal San Gwann, li dak il-ħin ma' kelliex vetturi oħra telgħin 'l fuq fl-istess direzzjoni, seħħ l-impatt mal-mutur misjuq mill-*parte civile* liema mutur kien ġej **l-isfel fid-direzzjoni lejn il-Kappara** però fil-karreġġjata opposta, i.e. kontra l-*via* tat-traffiku li jkun tiela 'l fuq direzzjoni lejn San Ġwann. L-impatt seħħ bejn in-naħa ta' quddiem tal-vettura tal-imputat u l-ġenb tal-mutur. Bid-daqqa x-xufier tal-

[2] Fol 21

mutur tar għal mal-art u kemm hu u kemm l-istess mutur spiċċaw jitkaxkru tul it-triq lejn id-direzzjoni tar-roundabout tal-Kappara.

7. L- Artikolu 15(1)(a) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65) jipprovdi hekk:

> **'15. (1) Kull min –**
>
> **(a) isuq vettura bil-mutur ... b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż,... ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab hekk ħati, il-piena tal-multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew tal-priġunerija ta' mhux iżjed minn sena."**

Imbagħad l-Artikoli 15(2) u (3) jipprovdu illi:

> **'(2) Meta r-reat ikun jikkonsisti f'sewqan ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuraġni kbira jew b'mod perikoluż, il-qorti, b'żieda tal-piena taħt is-subartikolu (1), għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan, f 'każ tal-ewwel kundanna, għal żmien ta' mhux anqas minn tliet xhur, u f'każ tat-tieni kundanna jew kundanna oħra wara għal żmien ta' mhux anqas minn sena.**
>
> **(3) Fil-każ ta' kull reat ieħor taħt is-subartikolu (1) il-qorti b'żieda għall-piena skont dak is-subartikolu, għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien ta' mhux anqas minn tmint ijiem'**

8. Dwar il-provi ta' sewqan b'mod traskurat, bla kont u b'mod perikoluż, il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet qalet fis-sentenza moghtija nhar is-6 ta' Mejju, 1997 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**' illi:

> *"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur ta' regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta ukoll ghal sewqan traskurat…sewqan bla  kont hu sewqan bi traskuragni kbira u tinkludi kazijiet fejn wiehed deliberament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabilta ta' hsara li tista tirrizulta lil terzi … sewqan perikoluz jirrekjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi."*

9. L-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 jirreferi għal sewqan b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż. It-test Ingliż tal-liġi jirreferi għal sewqan "*in a reckless, negligent*

*or dangerous manner*". Pero l-Artikolu 15(2) imbagħad jirreferi għal sewqan "bi traskuraġni kbira jew b'mod perikoluż" filwaqt li t-test Ingliż tal-Art. 15(2) jirreferi għal sewqan "*in a reckless or dangerous manner*". Huwa evidenti għalhekk illi bil-kliem "*sewqan bi traskuraġni kbira*" fl-Artikolu 15(2) il-leġislatur ried ifisser "*sewqan bla kont*". L-iskwalifika iktar severa għal sewqan bla kont u sewqan perikoluż imposta fl-Artikolu 15(2) – b'differenza għal dik inqas severa għal sewqan traskurat imposta fl-Artikolu 15(3) – tirrifletti l-gravita' differenti illi l-leġislatur jattribwixxi għal dawn il-modi ta' sewqan.

10. Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v. Jason Scerri**' (Qorti tal-Maġistrati Kumpilazzjoni Nru.: 1131/13 RM – deċiża 01/11/2018) il-Qorti qalet hekk:

> *"Jinghad illi l-kuncett ta' sewqan perikoluz u sewqan bla kont ghalkemm mhux imfissra espressament fil-ligi taghna, huwa identifikabbli mal-kuncett ta' recklessness fil-ligi Ingliza fejn jinsab ritenut illi, sabiex jissussisti l-mens rea ta' recklessness, m'hijiex bizzejjed kondotta merament traskurata jew imprudenti izda wahda li timmanifesta non-kuranza totali ghar-riskji li johloq. Fil-kaz Quinn vs. Cunningham, Lord Justice-General Clyde fisser li sabiex tip ta' kondotta jikkwalifika bhala reckless jehtieg li jigi identifikat:- "… an utter disregard of what the consequences of the act in question may be in so far as the public are concerned."*
>
> *Il-Blackstone jaghmel referenza ghall-CPS Policy for prosecuting cases of bad driving biex ifisser mil-lenti tal-ligi Ingliza, x'tip ta' sewqan jista' jitqies b'success ghall-finijiet ta' imputazzjoni ta' sewqan perikoluz:- "… racing or competitive driving; speed which is highly inappropriate for the prevailing road or traffic conditions; aggressive driving, such as sudden lane changes, cutting into a line of vehicles or driving much too close to the vehicle in front; disregard of traffic lights and other road signs, which, on an objective analysis, would appear to be deliberate; disregard of warnings from fellow passengers; overtaking that could not have been carried out safely; driving a vehicle with a load that presents a danger to other road users; where the driver is suffering from impaired ability such as having an arm or leg in plaster, or impaired eyesight; driving when too tired to stay awake; driving a vehicle knowing it has a dangerous defect; … … … or similar, in circumstances where the driver was avoidably and dangerously distracted by that."*
>
> *Ferm il-konsiderazzjonijiet appena rapportati, huwa evidenti li d-differenza bejn l-addebitu tas-sewqan perikoluz u s-sewqan bla kont hija wahda ta' grad fejn, biex ir-recklessness manifestata fis-sewqan tilhaq il-grad ta' sewqan perikoluz, il-kondotta ghandha ggib maghha perikolu ghas-sigurta` tal-pubbliku u/jew proprjeta`. Infatti, jigi osservat ghall-finijiet ta' piena l-legislatur taghna pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa."*

11. Kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet: '**Il-Pulizija v. Matthew Vella**' (App. Nru. 375 tal-2017, deċiż 6 ta' Frar 2020 mill-Onor Imħallef Aaron M. Bugeja):

*"Is-sewwieq irid dejjem iżomm proper look-out u jsuq b'attenzjoni partikolari lejn iċ-ċirkostanzi u l-kondizzjonijiet prevalenti fit-triq, b'mod li jkun jista' jagħmel evalwazzjoni f'waqtha tas-sitwazzjoni li jkun qiegħed isuq fiha u dan sabiex jevita li jkun hemm riskju ta' kolliżjoni ma vetturi oħra jew inċidenti ma pedestrians.*

*Għalkemm hemm limiti ta' veloċita stabbiliti f'zoni u f'toroq partikolari, anke jekk sewwieq ikun qiegħed isuq fil-limiti tal-veloċita konsentita, huwa jrid dejjem isuq b'safe speed fiċ-ċirkostanzi partikolari prevalenti fit-triq li fiha jkun qiegħed isuq. Dan huwa meħtieġ sabiex f'kull waqt ikun jista' jieħu dik l-azzjoni proprja u effettiva sabiex ikun jista' jevita kolliżjoni ma vetturi oħra jew inċidenti ma pedestrians billi jkun jista' jnaqqas il-veloċita, jew iwaqqaf il-vettura misjuqa minnu jew li jieħu dik l-azzjoni evażiva skont il-każ biex tiġi evitata kolliżjoni jew inċident, u dan dejjem skond il-kondizzjoni prevalenti u ċ-ċirkostanzi tal-każ. Din l-azzjoni trid dejjem tkun pożittiva u meħuda f'waqtha b'rispett lejn l-osservanza tar-regolamenti tas-sewqan. Dawn huma prinċipji li dawn il-Qrati ħadnu għal żmien twil kif ukoll jirriżulta minn dak deċiż fl-appell kriminali Il-Pulizija vs. Anthony Spiteri, deċiż fil-21 ta' Mejju 1960 mill-Imħallef William Harding fejn irritjena s-segwenti : -*

*Hu innegabbli li driver ta' karozza għandu, fost oħrajn, żewġ doveri: wieħed, dak li jzomm "a proper lookout" għall-vejikoli, "pedestrians", u "road-users" ohra; (Gibb. Triql of Motor Car Acc. Cases, Sec. 47), u l-ieħor illi, waqt is-sewqan, hu jkun f'posizzjoni tali li, kif jingħad fil-"General Regulations" tat-Traffiku Ingliżi, (ara Stone's Justices' Manual, Vol.2 1960 edition, p. 2937) jkollu f'kull ħin "proper control over the vehicle"... Ma għandux jintesa li l-accidenti stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' disattenzjoni ta' "split second" u li l-kontingenzi tat-traffiku jistgħu jkunu subitanei u inaspettati."*

12. Wara li fliet il-filmat il-Qorti għandha s-segwenti osservazzjonijiet x'tagħmel:

- Ibda biex ma jidhirx li l-istess filmat juri illi l-imputat **<u>ma kienx waqaf</u>** fuq l-*istop sign* li hemm fit-tarf ta Triq il-Falkun. Filfatt l-filmat jaqbad il-mument meta vettura li kienet fit-traffiku nieżla l-isfel lejn tas-Sliema ċediet lill-imputat sabiex dan joħroġ għal Triq tas-Sliema.

- Huwa u ħiereġ għal Triq tas-Sliema sabiex jikser għall-karreġġjata l-oħra, l-imputat jidher li ħares 'l isfel però ma setax iħares 'l fuq ossija lejn id-direzzjoni ta' minn fejn kien ġej il-mutur minħabba illi l-vista tiegħu kienet impeduta mill-vetturi li kienu weqfin sabiex ituħ ċans jgħaddi. Huwa ħareġ viċin ħafna tal-vettura li kienet qed iċċedilu. Il-veloċita' li ħareġ biha l-imputat, għalkemm mhux waħda eċċessiva, ma kienetx bil-mod biżżejjed sabiex ittih ċans jara min seta' kien ġej mid-direzzjoni ta' minn fejn kien ġej il-mutur u jekk ikun il-każ jagħmel *evasive manoeuvre*. F'dan ir-

rigward issir riferenza għal *Highway Code* (Verżjoni maħruġa fl-1999) fejn jingħad *inter alia* is-segwenti:

> 205. Use extra care at junctions or intersections. Look out for the relevant traffic signs, traffic lights or carriageway markings and abide by them. STOP at STOP signs. Slow down and give way at GIVE WAY signs. Where there are no such signs exercise discretion and prudence.
>
> 206. Well before you turn at a junction take full account of the position and movement of following traffic. Always signal your intention and, when safe to do so, take up the appropriate position. **Wait until there is a safe gap between you and any approaching vehicles before you complete a right turn**.
>
> 207. **On turning at a junction look right, then left, then right again. Do not go on until you are sure that it is safe to do so**. Do not rely on signals to go ahead given by unauthorised persons.

- Il-*parte civile* apparti li kien qed isuq *wrong way* kien nieżel b'veloċita' iżjed minn kemm huwa mistenni meta tqis li t-triq kienet ġejja għan-niżla u li kien qiegħed jagħmel manuvra ta' *overtaking ta' karozzi weqfin fit-traffiku* fil-viċinanza tal-*junction* ossia' tal-parti fejn Triq il-Falkun tingħaqad ma' Triq tas-Sliema. F'dan ir-rigward il-*Highway Code* jipprovdi *inter alia* kif ġej bħala regolamenti għas-sewwieqa tal-muturi:

> Manoeuvring
>
> 74. You should be aware of what is behind and to the sides before manoeuvring. Look behind you; use the fitted mirrors. **When overtaking traffic queues look out for** pedestrians crossing between vehicles and **vehicles merging from junctions.**

13. Jidher ċar għalhekk illi filwaqt li l-*parte civile* kellu parti kbira mit-tort għall-inċident in kwistjoni, l-imputat ukoll naqas milli jżomm *a proper lookout* u jsuq b'attenzjoni partikolari lejn iċ-ċirkostanzi u l-kondizzjonijiet prevalenti fit-triq. Madanakollu l-Qorti tħoss illi fiċ-ċirkostanzi s-sewqan tal-imputat ma kienx wieħed li jmur oltre s-sewqan negliġenti ossia traskurat anke jekk b'konsegwenza *in parte* ta' dan is-sewqan seħħet offiża gravi fuq il-persuna tal-*parte civile* u dan prinċipalment għaliex l-istess *parte civile* kien qiegħed isuq il-mutur *wrong way*.

14. Fir-rigward tal-ħames imputazzjoni (Kap. 9, Art. 328(c)) din tirriavisa biss l-offiża gravi u mhux dik gravissima taħt l-Art. 218 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

**'328. Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna ħruq, jew jagħmel xi ħsara jew iħassar jew jgħarraq xi ħaġa, kif imsemmi f 'dan is-Sub-titolu, jeħel, meta jinsab ħati –**

**...**

**(ċ) jekk minħabba f'hekk xi ħadd ibati offiża gravi mingħajr il-konsegwenzi hawn fuq imsemmija, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur jew multa mhux iżjed minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69)'**

15. Mill-affidavit tat-tabib **Dr. Matthew John Vella** jirriżulta li l-feriti kienu gravi stante il-presenza ta' frattura fil-ġisem tal-*parte civile.*

**Deċiżjoni**

**16. Għar-raġunijiet msemmija l-Qorti filwaqt li tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet numru tnejn (2), tlieta (3), u erbgħa (4), wara li rat l-artikoli tal-liġi ossia l-Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65 u l-Art. 328(c) tal-Kap. 9, issibu ħati tal-ewwel (1) u l-ħames (5) imputazzjonijiet u tikkundannah iħallas multa ta' ħames mitt euro (€ 500). B'żieda mal-piena, l-Qorti tiskwalifikah milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' tmient ijiem (Kap. 65 Art. 15(3)).**

**V.G. Axiak**
**Maġistrat**

**Y.M. Pace**
**Dep. Reġistratur**